MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH CASSAR

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2003

Rikors Numru. 21/2002/1

***Joseph Gatt***

***versus***

***Remigio u Josephine Damato***

Il-Bord,

Ra r-rikors

Illi r-rikorrenti jikri minghand l-intimati l-fond numru 35, (li gieli, qabel kien jissemma bhala 36) pjazza Robert Sammut, Floriana versu l-kera ta' Hamsa u Erbghin lira Maltija fis-sena pagabbli kull sitt xhur bil-quddiem, l-iskadenza li tmiss taqa fl-1 ta' Gunju, 2002.

Illi permezz ta' ittra ufficjali datata 18 ta' Jannar 2002, l-intimati Remigio u Josephine Damato ppretendew li jghollu l-kera ghall-fond premess ghal Tlett mija u Sittin Lira Maltija fis-sena.

Illi r-rikorrenti ma jaqblux ma din iz-zieda u qeghdin ghalhekk jirreferu l-kwistjoni lill-dan l-Onorabbli Bord skond il-ligi.

Illi kif sejjer jirrizulta tul is-smiegh tal-kawza l-kera originali kienet ta Ghoxrin Lira Maltija fis-sena u din, fl-1971 zdiedet ghal hamsa u erbghin lira Maltija fis-sena bi qbil bejn il-partijiet.

Illi l-kera ta' Hamsa u erbghin lira Maltija fis-sena hi kera gusta.

Ghaldaqstant ir-rikorrenti jitolbu bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord joghgbu jichad iz-zieda premessa bl-ispejjez kontra l-intimat.

Ra <u>r-risposta</u>

Illi huwa minnu illi l-esponenti jikru l-fond lir-rikorrenti u dan versu l-kera ta' Lm45 fis-sena u precisament ghax il-kera hija baxxa, considerando li huwa post fit-tokk tal-Furjana illi jimmerita awment tal-ammont pagabbli bhala kera.

Illi ghalhekk dan il-Bord ghandu jichad it-talba attrici u jawmenta l-kera xieraq tal-fond imsemmi u dan ai termini tal-kontenut tal-ittra ufficcjali presentata kontra r-rikorrenti.

Ra l-verbal tas-6 ta' Ottubru, 2003.

Ra d-digriet tieghu tat-30 ta' Ottubru, 2002 li bih gew mahtura periti teknici l-AIC Joseph Briffa u l-AIC Anthony Fenech Vella.

Ra r-relazzjoni ta' l-imsemmija periti.

Billi mill-imsemmija relazzjoni jirrizulta li l-kera attwali ta' hamsa u erbghin lira Maltija (Lm45) fis-sena diga' jeccedi l-40% fuq il-kera li bih il-fond kien jew seta' jinkera qabel l-4 ta' Awissu, 1914 a tenur ta' l-art 4(b) tal-Kap 69 tal-

Ligijiet ta’ Malta (qabel art 5(B) tal-Kap 109) jilqa’ t-talba tar-rikorrenti bl-ispejjez kontra l-intimati.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------